MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Numru. 1216/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Keith Agius, ta' 27 sena, bin Francis u Maria Tania nee` Ciancio, imwieled Pieta fis-26 ta' Dicembru 1981, u li joqghod fi Flat 16, Blokk 2, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla. Detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 86082M**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Keith Agius u cioe`:

1. talli fil-perjodu ta' bejn Frar 2008 u Gunju 2009, f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel

titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

2. aktar talli f'Dicembru 2008 gewwa l-*I.D. cards office, Evans Building, Valletta,* ghamel dikjarazzjoni falza, jew tgha xi taghrif falz ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att dwar il-Karti ta' l-Identita`, meta kien jaf li dan huwa falz;

3. u talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tgha xi taghrif falz;

4. u aktar talli fil-perjodu ta' bejn Frar 2008 u Gunju 2009, f'dawn il-Gzejjer bl-iskop li jakkwista xi hlas taht l-att dwar is-Sigurta` Socjali, kemm ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor, jew ghal skop iehor li ghandu x'jaqsam ma' l-istess att, bi frodi naqas milli jirrapporta lid-Direttur tas-Sigurta Socjali, qabel ma rcieva xi hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li setgha kellha konsegwenza materjali fuq l-ammont, jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammisjoni tal-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, l-fedina penali nadifa tieghu, il-

koperazzjoni shiha tieghu mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom u l-fatt illi l-imputat ghandu problemi socjali u qieghed jirrifondi l-flus mehuda lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 188, 308, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 14(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 117(1)(iii) tal-att dwar is-Sigurta Socjali issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kundizzjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti jigu mibghuta lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------